Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

# Formola ta' Applikazzjoni

# Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2011

Dipartiment tal-Kummerċ

**KATEGORIJA: PRODOTTI ARTIĠJANALI**

**Għall-użu tal-uffiċċju biss**

Applikazzjoni Nru.: **CPR** ____
Milqugħa fil-: ________________
Bil- Posta/ bl-Idejn/b'Imejl
Nru. ta' Ritratti: ________

## *DETTALJI TAL-PRODOTT*

TITLU
(ara kundizzjoni nru. 6) ______________________

QISIEN
(ara kundizzjoni nru. 6) ______________________

TIP TA' MATERJAL UŻAT ______________________

DESKRIZZJONI QASIRA LI TISPJEGA GĦALXIEX IL-PRODOTT GĦANDU JKUN MEQJUS **INNOVATTIV U KREATTIV**

........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................
........................................................................................................................

## *SID IL-PRODOTT*

Isem ta' l-artiġjan/a, l-organizazzjoni jew in-negozju

______________________________________________

## *DETTALJI TA' KUNTATT*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **ISEM U KUNJOM** | | | |
| **INDIRIZZ** | .......................................................................................... .......................................................................................... ........................ | | |
| **TELEFOWN** | | **MOWBAJL** | |
| **IMEJL** | | **NRU. TAL-K.I.** | |
| **FIRMA** | | **DATA** | |

Din l-applikazzjoni, flimkien mar-ritratti (ara kundizzjoni nru. 5), għandha tasal għand id-Dipartiment tal-Kummerċ sa
**12 pm (nofsinhar) tal-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru, 2011.**

Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jintbagħtu bl-idejn jew bil-posta indirizzati lil:

**Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2011**
**Dipartiment tal-Kummerċ**
**Lascaris,**
**Valletta VLT 2000**

jew b'imejl lil

**maltacrafts@gov.mt**

# Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti
# 2011

## Kriterji biex Tapplika

### *Kategorija: Prodotti Artiġjanali*

Din il-kategorija tirrikonoxxi dawk il-prodotti li huma **innovattivi** u **kreattivi**.

### *Eliġibilità*

Din il-kategorija hi miftuħa għal dawk il-prodotti artiġjanali li kienu maħduma f'Malta minn artiġjani, kemm individwali jew fi gruppi, u li huma residenti ta' Malta. Jistgħu japplikaw ukoll studenti u apprentisti.

### *Kundizzjonijiet*

1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu mingħand artiġjani individwali, mingħand organizazzjoni jew negozju (minn issa 'l quddiem jiġu msejħa bħala l-**Applikant**).
2. Jista' jiġi ppreżentat prodott artiġjanali (minn issa 'l quddiem jiġi msejjaħ bħalha l-**Prodott**) wieħed biss ma' kull applikazzjoni u f'din il-kategorija kull **Applikant** jista' jissottometti applikazzjoni waħda biss.
3. **Prodott** jista' jikkonsisti minn numru ta' biċċiet li jifformaw sett (iżda mhux sensiela tal-istess prodott).
4. Il-**Prodott** ippreżentat għandu jkun ġie maħdum mill-**Applikant** fis-sentejn ta' qabel il-kompetizzjoni (f'dan il-każ fl-2010 u 2011). Kull **Prodott** rebbieħ ma jistax jiġi ippreżentat fil-kompetizzjonijiet tas-snin ta' wara.
5. Ma' kull applikazzjoni l-**Applikant** għandu jehmeż sa massimu ta' tliet (3) ritratti tal-**Prodott**. Id-Dipartiment tal-Kummerċ jirriserva d-dritt li jżomm wieħed (1) mir-ritratti.
6. L-**Applikant** jaqbel li jippreżenta l-**Prodott**, kif u meta mitlub mill-Kumitat ta' Selezzjoni, għal esebizzjoni li tista' tittella' matul il-proċess ta' selezzjoni. Għal dan il-għan, l-**Applikant** għandu wkoll jindika fl-applikazzjoni il-qisien tal-**Prodott** kif ukoll jagħtih (lil **Prodott**) titlu.
7. Jekk il-**Prodott** ma jkunx jista' jiġi ippreżentat għal esebizzjoni, l-**Applikant** għandu jagħti raġuni li tiġi ikkunsidrata mill-Kumitat ta' Selezzjoni. Jekk il-Kumitat ta' Selezzjoni jiddeċiedi li r-raġuni mhix valida, l-applikazzjoni ma tkunx eliġibbli. Jekk il-Kumitat ta' Selezzjoni jiddeċiedi li r-raġuni hi valida, u għaldaqstant l-applikazzjoni tkun eliġibbli, il-Kumitat ta' Selezzjoni jirriserva d-dritt li jara u jevalwa l-**Prodott** fuq il-post.
8. Id-Dipartiment tal-Kummerċ jirriserva d-dritt li jieħu ritratti tal-**Prodott** ippreżentat għall-kompetizzjoni għal fini ta' promozzjoni.
9. Il-**Prodott** ippreżentat għall-esebizzjoni kif ukoll żewġ (2) ritratti jiġu irritornati lill-**Applikant** immedjatament wara l-egħluq tal-kompetizzjoni.
10. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.
11. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Selezzjoni ikunu ikkunsidrati bħala finali.

# Premjijiet

*<u>Kategorija: Prodotti Artiġjanali</u>*

Ir-rebbieħ jikkwalifika għal premju ta' €20,000, min jiġi ikklassifikat fit-tieni post jikkwalifika għal premju ta' €10,000 filwaqt li jingħataw erba' (4) premjijiet ta' konsolazzjoni ta' €5,000 kull wieħed.

L-ewwel premju rebbieħ ta' €20,000 ser jingħata f'żewġ pagamenti separati: 60% (ekwivalenti għal €12,000) jingħata waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet (id-data titħabbar aktar tard). L-40% l-oħra (ekwivalenti għal €8,000) jingħataw jekk id-Dipartiment tal-Kummerċ ikun sodisfatt illi, fis-sitt xhur li jiġu immedjatament wara l-għoti tal-premjijiet, ir-rebbieħ ikun kompla jinvesti biex itejjeb l-attività artiġjanali tiegħu (eż. investiment fil-*marketing*, riċerka, taħriġ, informazzjoni teknoloġika, titjib jew irranġar strutturali eċċ.).

Il-premju ta' min jiġi ikklassifikat fit-tieni post, dak ta' €10,000, ukoll ser jingħata f'żewġ pagamenti separati: 60% (ekwivalenti għal €6,000) jingħata waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet. L-40% l-oħra (ekwivalenti għal €4,000) jingħataw jekk id-Dipartiment tal-Kummerċ ikun sodisfatt illi, fis-sitt xhur li jiġu immedjatament wara l-għoti tal-premjijiet, ir-rebbieħ ikun kompla jinvesti biex itejjeb l-attività artiġjanali tiegħu (eż. investiment fil-*marketing*, riċerka, taħriġ, informazzjoni teknoloġika, titjib jew irranġar strutturali eċċ.).

L-erba' prodotti li jiġu ikklassifikati fit-tielet, fir-raba', fil-ħames u fis-sitt postijiet jikkwalifikaw għall-premju ta' €5,000 'l wieħed. Dawn il-premjijiet ta' konsolazzjoni jingħataw waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet.